**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Anthony Camilleri**

Kaz Numru: 369/2016

Illum 26 ta' Mejju 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Camilleri,** iben Michael u Grace nee' Ciappara, imwieled Marfa, fit-12 ta' Gunju 1963, residenti fil-fond nuru 35, Amstelin, Triq Hal Salfieni, Hal Luqa, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 358163(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fl-20 ta' April 2016 ghall-habta ta' 13:45hrs:

> Waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja ejw ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjon jew arma tan-nar barra l-ghata taghha. U dan bi ksur tal-artikolu 18(1)(a) tal-Ligi Sussuidjarja numru 504.71;

Kif ukoll talli fl-istess cirkustanzi, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja taht dan l-Att. U dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, kiser kundizzjoni tal-Licenzja mahruga skont ma hemm f'dan l-Att. U dan bi ksur tal-Artikolu 27 (1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghal dawn il-motivi, gie mitlub lil din il-Qorti, ir-revoka tal-licenzja/i kemm dik tal-arma kif ukoll dik tal-kacca f'isem l-imputat u cioe' Anthony Camilleri detentur tal-karta tal-karta tal-identita' bin-numru 358163(M);

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi ghall-perijodu li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Waqt hidma li kienu qeghdin iwettqu l-Pulizija tal-ALE f'Wied il-Mielah kontra l-kacca illegali fl-20 ta' April li ghadda waqfu lill-imputat fl-inhawi tal-Fanal tal-Gordan u sabu fil-vettura tieghu pakkett b'mitt skartocc. L-imputat twaqqaf fis-saghtejn neqsin kwart ta' waranofsinnhar, siegha u tliet kwarti wara li l-istagun ikun miftuh u jippermetti l-kacca f'dan il-perijodu, ta' kacca limitata bil-granet, il-hin u l-kwota li wiehed jista' jikkaccja.

Waqt ir-raid tal-Pulizija ma nstabitx arma tan-nar fil-pussess tal-imputat.

L-istaġun ghall-kacca infetah għal ġimagħtejn mis-17 ta' April sat-30 ta' April 2016. Il-ħinijiet li fihom kienet permessibbli l-kaċċa tnaqqsu għal

sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar fi kwalunkwe ġurnata tal-istaġun, tnaqqis ta' sagħtejn għal kull ġurnata fost il-ġimgħa.

Il-kwota nazzjonali tnaqqset minn massimu ta' 11,000 gamiema għal 5,000 gamiema. Il-kwota ta' 5,000 summiena, kif ukoll il-**kwota individwali ta' żewġ għasafar f'ġurnata u ta' erbgħa matul l-istaġun** baqgħu l-istess.

Waqt il-proceduri xehed is-Surgent PS1424 Mario Sciberras u anke kien kontro-ezaminat mill-avukat Anthony Stellini.

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Il-Qorti evalwat ix-xhieda li ta s-Surgent PS1424 Mario Sciberras bil-linja gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 u tista' tistrieh fuqha biex tghinha tasal ghad-decizjoni taghha.

Il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni wkoll d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali I**l-Pulizija vs Noel Grech** deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono fl-24 ta' Settembru 2009 qabel waslet biex tiddeciedi dan il-kaz.

Kjarament, ghalkemm fl-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ipotizzat diversi modi ta' kif tista' tinkiser il-ligi fir-rigward ta' reati li jinvolvu kacca illegali, l-unika ipotesi rilevanti ghall-kaz in ezami hija dik ta' garr ta' munizzjon u dan b'referenza ghas-sejba ta' skratacc fil-karozza tieghu kif fuq intqal.

Il-Qorti taghmel referenza ghar-Regolament 18 (1) (a) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Dan jiddisponi testwalment li:-

*"Minghajr pregudizzju ghar-Regolament 9, l-ebda persuna m' ghandha:*

*(a) waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, tikkaccja, jew tipprova tikkaccja xi ghasfur, **jew iggorr munizzjoni** jew arma tan-nar barra l-ghata taghha."*
**(enfazi tal-Qorti)**

Fit-test Ingliz :-

*"Without prejudice to regulation 9 no person shall*
*a) during the closed season for the hunting of birds not at sea, hunt, or attempt to hunt any bird, **or carry ammunition** or a fire arm outside its case."*
*(***sottolinear ta' din il-Qorti***)*

Jidher car li kull wahda mill-ipotesijiet kontemplati fil-ligi, separatament jew flimkien ma ohrajn, jikkostitwixxu ksur tal-ligi u kull ipotesi trid tigi kkunsidrata wehidha u indipendentement mill-ohrajn. Dan johrog mir-ripetizzjoni tal-kelma "**jew**" ("***or***" fit-test Ingliz).

Illi hu minnu li mill-pussess biss tal-iskratacc wiehed ma jistax jiddezumi li l-imputat necessarjament kien qed idur ghall-kacca. L-imputat mhux akkuzat li kkaccja.

Pero' din il-Qorti ma taqbilx li ghax l-iskratacc kienu fil-karozza, ma kienx hemm ksur tal-ligi. Il-Qorti waqt li kienet qieghda tevalwa l-kaz gibdet l-attenzjoni li mitt skartocc huwa ammont konsiderevoli meta wiehed jara x'ammont kaccatur seta' jaqbad. Meta wiehed jara l-kwota allokata lil kull kaccatur li nghata licenzja, wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-imputat ma jimmirax sewwa biex kellu dak l-ammont ta' skratacc, imma hawn il-Qorti m'ghandhiex test biex wiehed jara jekk l-imputat kienx tiratur tajjeb li jista' jkun ikkunsidrat ghal xi wahda mill-kompetizzjonijiet tal-isparar fuq il-plattini.

Din hi dik li tissejjah *"a technical offence"* u ma hemmx ghalfejn jirrizulta xi movent, intenzjoni specifika jew generika konnessa mal-kacca *per se* jew ma xi tentattiv ta' kacca. Is-semplici garr ta' munizzjoni fil-perijodu projbit ikun jammonta ghall-ksur tal-ligi. Il-fatt li l-iskratacc ma kinux ta' periklu ghal hadd, li ma kinux f'cintorin, imma fil-kaxxa taghhom u li

ma kinux f'ghata, huma konsiderazzjonijiet ghalkollox irrilevanti. Il-htiega tal-ghata ma tikkwalifikax il-"munizzjoni" imma biss l-"arma tan-nar".

Il-Qorti thoss li lanqas jaghmel sens dak li argumentat id-difiza li dakinhar li nqabad mill-Pulizija l-imputat kien *open season*. Huwa veru li dakinhar kien wiehed mill-jiem fejn seta' jkun hemm kacca imma dan kien sa nofsinhar. Wara nofsinhar l-istagun ikun maghluq.

L-istaġun limitat tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiema u s-summiena ghandu jkun suġġett għall-infurzar strett biex hadd ma jabbuza minn din il-koncessjoni.

Din il-Qorti terga' taghmilha cara li ma hi se tittollera l-ebda ksur tal-liġi, regoli u kundizzjonijiet oħra applikabbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18(1)(a) tal-Ligi Sussidjarja numru 504.71, Artikoli 5(1) u 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Anthony Camilleri hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah iħallas multa komplessiva ta' elfejn ewro (€2,000).

Inoltre tordna ir-revoka ta' kull licenzja jew permess tal-insib, kacca u tal-garr u zamm ta' armi f'isem il-hati ghal zmien ta' sentejn mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-iskratacc esebiti. (Dok MX1).

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**